**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 9 ta` Dicembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Renie Persico**

**KUMP. NRU. 464/2013**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Renie Persico** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **204680M**, gie akkuzat talli fid-29 ta’ Dicembru 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data gewwa Wied il-Ghajn:

1. Xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li tkun imdahhal biex tbieghhom jew tmexxihom, u cioe’ mutur tal-ghamla Kawasaki 650;

2. Malli sirt taf li xi haga li kienet fil-pussess tieghek kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, inqast li tgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kont hekk sirt taf, kif ukoll;

3. Zammejt f’xi fond jew kellek fil-pussess tieghek, taht il-kontroll tieghek jew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-iskeda II minghajr ma kellek licenzja taht l-Att dwar l-Armi Kap.840 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr. A. Demicoli LL.D fl-14/10/2011.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni. Rat partikolarment il-verbal tal-partijiet fejn stqarru li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-ahjar sanzjoni ghandha tkun dik skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti, l-istqarrija tieghu, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi fis-sottomissjonijiet finali taghhom, il-partijiet ghamlu referenza ghall-fatt li l-imputat issalda favur Diane Fenech il-pretensjonijiet kollha li hija kellha fil-konfront tieghu u li kienu naxxenti mill-mertu ta` dan il-kaz (ara verbal tas-seduta tat-8 ta` Lulju 2015).

Partikolarment id-difiza, ghamlet referenza ghall-ammissjoni bikrija tal-hati, u ghamlet referenza ghall-istqarrija li huwa ta lill-pulizija fit-30 ta` Dicembru 2011.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena u li kwalunkwe forma ta` qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-potenzjali piena u/jew sanzjoni, ma torbotx lill-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar ghandha tkun hi li tapplika u tinfliggi piena jew sanzjoni li jidrilha li tkun l-aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz li jkun.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, hekk ghamlet. Qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. L-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. Dan hu wiehed minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

Il-Qorti tiddikjara li bis-sanzjoni kkontemplata u mposta b'din is-sentenza, hija qed titratta mal-hati ghall-ksur tieghu tal-kondizzjoni mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta` Ottubru 2011.

**Konkluzjoni**.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 267, 279(b), 334, 334A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 5(1), 51(2) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib lil Renie Persico hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sentejn (2) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' erba (4) snin millum.**

**Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tikkundanna lill-hati, ghall-hlas, lir-Registratur, ta` l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti f'dawn il-proceduri, inkluz dawk l-esperti jew periti li kienu gew mahtura fl-inkjesta formanti parti minn dawn il-proceduri.**

**In oltre, l-Qorti tordna l-konfiska skond il-ligi ta` l-oggetti esebiti bhala dok 'JF3' u dok 'JF4' (rispettivament pjanca bin-numru ta` registrazzjoni BBA-407, u pistol bil-magazine taghha).**

Il-Qorti tordna komunika ta` kopja ta` din is-sentenza lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur